MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1193/2009

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Simon u Maria mizzewgin Bugeja

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fil-21 ta' Frar 2002 (Dok A) in atti Nutar Dottor Joseph Debono u kif ukoll permezz ta' zewg skritturi privati datati fit-8 ta' Jannar 2002 u fl-24 ta' Lulju 2000 (Dok B u C) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Simon u Maria mizzewgin Bugeja.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Simon u Maria mizzewgin Bugeja fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€68,198.63) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta'

Simon u Maria mizzewgin Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1 sa D2”, “E1 sa E2”, “F1 sa F4”, “G1 sa G4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija (esebiti mar-rikors bhala Dokument “A, B u C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon u Maria mizzewgin Bugeja:

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Simon u Maria mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Simon u Maria mizzewgin Bugeja gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fl-10 ta’ Ottubru 2008 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u immarkata Dok “H”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija (esebiti mar-rikors bhala Dokument “A, B u C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon u Maria mizzewgin Bugeja (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Simon u Maria mizzewgin Bugeja li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Simon u Maria mizzewgin Bugeja jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€68,198.63) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Simon u Maria mizzewgin Bugeja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1 sa D2", "E1 sa E2", "F1 sa F4", "G1 sa G4") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fl-10 ta' Ottubru 2008 kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat Simon Bugeja li biha espona:

1. Illi Simon Bugeja kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu Maria Bugeja.

2. Illi minkejja diversi tentattivi da parti ta' Simon Bugeja biex jaslu ghal separazzjoni konsenswali, baqa' bla risposta minghand l-intimata martu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa minnu li l-ammont ghadu dovut, izda minhabba li tezisti separazzjoni *de facto*, l-intimata hija debitrici wkoll fil-konfront tal-Bank attur.

4. Illi huwa minnu wkoll li Simon Bugeja kien ukoll ghamel xi pagament lill-bank, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi Simon Bugeja ma jafx xejn dwar l-iskritturi privati li saru bejn il-bank u l-intimata fit-8 ta' Jannar 2002 u fl-24 ta' Lulju 2000 u ghalhekk ghandha tkun responsabbli l-intimata bhala debitrici.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, minhabba kapricc tal-intimata, li ma waslitx ghal separazzjoni konsenswali u ghamlet aktar debiti mal-Bank, ghandha tbati l-ispejjez ta' dina l-kawza.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat Simon Bugeja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat in-nota tal-15 ta' Gunju 2010 ta' Simon Bugeja li permezz taghha ammetta t-talbiet tal-bank rikorrenti.
Xehdet Rose Camilleri, *Supervisor* fil-*Legal Office* tal-bank li ikkonfermat l-ammont dovut u semmiet li minn meta giet istitwita l-kawza sal-lum ma thallas xejn u ghalhekk l-ammont dovut baqa' l-istess hlief ghal xi imghaxijiet li zdiedu.

Illi Maria Bugeja baqghet kontumaci, u ma dehret qatt.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Rat illi r-rikors guramentat kien gie debitament notifikat lill-intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci.

Illi l-kontumacja ghandha titqies bhala oppozizzjoni, izda mid-depozizzjoni ta' Rose Camilleri jidher li t-talba tal-bank rikorrenti hija gustifikata.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
In vista tal-fatt li Rose Camilleri, rapprezentanta tal-*Legal Office* tal-Bank rikorrent ikkonfermat bil-gurament li ghadu ma gie mhallas xejn minn meta giet istitwita l-kawza, u peress li t-talba tidher gustifikata, fuq ammissjoni ta'

Simon Bugeja, u peress li t-talbiet ghandhom jintlaqghu, tilqa’ l-istess talbiet;

Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon u Maria mizzewgin Bugeja (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Simon u Maria mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Simon u Maria mizzewgin Bugeja jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tmienja u sittin elf, mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€68,198.63) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------